31995L0061

7.12.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 292/27

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL 95/61/KE

tad-29 ta' Novembru 1995

li temenda l-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE li għandha x'taqsam ma' l-iffissar tal-livelli massimi għall-fdalijiet tal-pestiċidi f'ċerti prodotti li joriġinaw ġewwa u fuq il-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidra d-Direttiva tal-Kunsill 90/642/KEE tas-27 ta' Novembru 1990 dwar l-iffissar tal-livelli massimi tal-fdalijiet tal-pestiċidi f'ċerti prodotti li joriġinaw ġewwa u fuq il-pjanti, inklużi l-frott u l-ħxejjex ta' l-ikel (1), u partikolarment l-Artikolu 1 ([1]) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni,

Billi d-Direttiva 90/642/KEE ġiet emendata għall-ewwel darba permezz tad-Direttiva 93/58/KEE ([2]) li, fost disposizzjonijiet oħra, ipprovdiet sabiex tiġi stabbilita l-ewwel lista tal-livelli massimi għal ċerti fdalijiet tal-pestiċidi;

Billi, madankollu, l-informazzjoni disponibbli ma kenitx biżżejjed dak iż-żmien għalbiex jiġu stabbiliti l-livelli definittivi tal-fdalijiet massimi għal ċerti pestiċidi - kombinazzjonijiet ta' l-uċuħ tar-raba'; billi f'dawn il-każijiet ġie stabbilit perjodu taż-żmien ta' erba' snin għall-ġenerazzjoni ta' l-informazzjoni meħtieġa li warajh, fl-assenza ssoktata ta' informazzjoni sodisfaċenti, il-livelli għandhom iridu normalment jiġu stabbiliti fil-limitu approprjat ta kif jiġu stabbiliti;

Billi l-Kummissjoni u l-Kunsill qablu fil-waqt ta' l-adozzjoni tad-Direttiva 93/58/KEE illi l-Istati Membri għandhom jiksbu impenji fi żmien sena mill-partijiet kollha interessati illi trid tiġi ġġenerata l-informazzjoni meħtieġa; billi f'ċerti każi l-ebda impenn ma ingħata u huwa għalhekk diġà possibbli li jiġu stabbiliti d-disposizzjonijiet approprjati,

ADOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Anness II mad-Direttiva 90/642/KEE huwa hawnhekk emendat kif iddikjarat fl-Anness ma' din id-Direttiva.

Artikolu 2

L-Istati Membri għandhom idaħħlu fis-seħħ mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru 1996 il-liġijiet, ir-regolamenti u d-dispożizzjonijiet amministrattivi meħtieġa għalbiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva.

Meta l-Istati Membri jadottaw dawn il-miżuri, dawn għandu jkun fihom referenza għal din id-Direttiva jew ikunu akkumpanjati minn din ir-referenza fl-okkażjoni tal-pubblikazzjoni uffiċjali tagħhom. Il-metodu ta' kif għandha ssir din ir-referenza għandu jiġi stabbilit mill-Istati Membri.

Artikolu 3

Din id-Direttiva għandha tidħol fis-seħħ fil-jum tal-pubblikazzjoni tagħha fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussel, fid-29 ta' Novembru 1995.

Għall-Kunsill

Il-President

L. ATIENZA SERNA

(1) ĠU L 350, 14.12.1990, p. 71. Direttiva kif l-aħħar emendata mid-Directive 95/38/KE (ĠU L 197, 22.8.1995, p. 14).
(2) ĠU L 211, 23.8.1993, p. 6.

ANNESS

1. **Il-Klorotalonil**

Fit-tieni kolonna taħt l-intestatura "Il-Klorotalonil", fil-grupp li ġej:

2 (V) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ERBAĊI AROMATIĊI FRISKI, il-ħass u ħxejjex ta' l-ikel simili, id-dħul "(b)" u "0,01*" eżempji opposti ta' prodotti individwali għandhom jiġu mibdula bid-dħul "0,01*"

li jrid jitqiegħed biswit' "Il-ħass u ħxejjex ta' l-ikel simili".

2. **Il-Klorpirifu**

Fit-tielet kolonna, taħt l-intestatura "Il-Klorpirifu", biswit id-dħul ta' l-gruppi tal-prodotti li ġejjin:

— 1 (VI) FROTT MIXXELLANJU, iż-żebbuġ,

— 2 (III) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL LI JAGĦMLU L-FROTT, il-qamħirrum,

l-ittra "(ċ)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,05*".

Fl-istess kolonna fil-grupp li ġej:

2 (l) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI,

id-dħul "(ċ)" biswit il-Pitravi taz-zokkor, Iz-Zunnarija bajda, in-Nevew u l-Ġdur għandu jitħassar.

Fl-istess kolonna biswit id-dħul tal-prodott li ġej:

7. **Il-Ħopp** (imnixxef), inkluż il-gerbub żgħir tal-Ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat,

l-ittra "(d)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,1*".

3. **Iċ-Ċipermetrin**

Fil-ħames kolonna, taħt l-intestatura "Iċ-Ċipermetrin, inklużi t-taħlitiet l-oħra ta' l-iżomeri kostitwenti (it-total ta' l-iżomeri)", fil-grupp li ġej:

— 1 (V) IL-*BERRIES* U L-FROTT U L-FROTT IRQIQ, Frott irqiq ieħor u l-*berries* (bl-eċċezzjoni ta' dak selvaġġ),

— 2 (I) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI,

id-dħul "(ċ)" u "0,5*" eżempji opposti ta' prodotti individwali għandhom jiġu mibdula bid-dħul "0,05*" li jrid jitqiegħed biswit il-gruppi msemmija hawn fuq.

Fl-istess kolonna, biswit id-dħul tal-prodott li ġej:

2 (VII) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK, Il-bużbież,

l-ittra "(ċ)" għandha titħassar.

4. **Id-Deltametrin**

Fis-sitt kolonna, taħt l-intestatura "Id-Deltametrin", biswit id-dħul tal-prodotti fil-grupp li ġej:

1 (VI) FROTT MIXXELLANJU, il-Kiwi,

l-ittra "(ċ)" għandha tiġi mħassra.

5. **L-Imażalil**

Fid-disa' kolonna taħt l-intestatura "l-Imażalil" fil-grupp li ġej:

2 (III) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL LI JAGĦMLU L-FROTT, Is-*Solanacja*, id-dħul "(a)" u "0,02*" eżempji opposti ta' prodotti individwali għandu jinbidel bid-dħul "0,02*"

li għandu jitqiegħed biswit "Is-Solanaċja".

6. **L-Iprodjon**

Fl-għaxar kolonna taħt l-intestatura "L-Iprodjon" biswit id-dul tal-prodotti li ġejjin fil-grupp li ġej:

— 2 (I) IL-ĦXEJJEX TA L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI, Iċ-Ċelerjak,

— 2 (VII) IL-ĦXEJJEX TA L-IKEL TAZ-ZOKK, il-Krafes,

id-dħul "(a)" għandu jitħassar.

7. **Il-Permetrin**

Fil-ħdax-il kolonna taħt l-intestatura "Il-Permetrin (it-total ta' l-iżomeri)" biswit id-dħul li ġej tal-prodott fil-grupp li ġej:

1 (V) IL-*BERRIES* U L-FROTT L-IRQIQ, il-frott tal-qasab (għajr dak selvaġġ),

l-ittra "(ċ)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,05*".

Fl-istess kolonna biswit id-dħul li ġej tal-fil-gruppi li ġejjin:

— 1 (VI) FROTT MIXXELLANJU, iż-Żebbuġ,

— 2 (I) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI, il-Ġidra,

— 2 (IV) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL BRASSIKA, Il-Brassika li tagħmel il-fjuri, il-Brokkoli,

— 2 (VII) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK, il-Bużbież,

— 4. **Iż-Żerriegħa taż-żejt**, iż-Żerriegħa tal-ward tax-xemx,

l-ittra "(ċ)" għandha titħassar.

Fl-istess kolonna fil-grupp li ġej:

1 (V) IL-*BERRIES* U L-FROTT L-IRQIQ, Frott irqiq ieħor u l-*berries* (għajr dawk selvaġġi),

id-dħul "(ċ)" u "0,05*" eżempji opposti ta' prodotti individwali għandu jiġi mibdul bid-dħul "0,05" li għandu jitqiegħed biswit l-grupp imsemmi hawn fuq.

Fl-istess kolonna kontra d-dħul li ġej tal-prodott:

7. **Il-Ħopp** (imnixxef), inklużi l-gerbub żgħir tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat,

l-ittra "(d)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,1*".

8. **Il-Benomil, il-Karbendażim, il-Metil**

Tijofanat Fit-tnax il-kolonna taħt l-intestatura "Il-Benomil, il-Karbendażim, il-Metil Tijofanate (it-total espress bħala karbendażim)" biswit id-dħul li ġej tal-prodotti fil-gruppi li ġejjin:

— 2 (V) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ERBAĊI AROMATICode en erreur: 8eVI FRISKI, Il-Krexxun u l-*Witloof*,

— 7. Il-Ħopp (imnixxef), inklużi l-gerbub żgħir tal-ħopp u t-trab mhux ikkonċentrat,

l-ittra "(d)" għandha tiħi mibdula biċ-ċifra "0,1*".

Fl-istess kolonna biswit id-dħul li ġej tal-prodotti fil-grupp li ġej:

1 (VI) FROTT MXXELLANJU, Iż-Żebbuġ,

l-ittra "(d)" għandha titħassar.

9. **Il-Maneb, il-mancozeb, il-metiram, il-propineb, iż-zineb**

Fit-tlettax-il kolonna taħt l-intestatura "Il-*Maneb*, il-*Mancozeb*, il-*Metiram*, il-*Propineb*, iz-*Zineb* (total espress bħala *CS2*)" fil-grupp li ġej:

1 (V) Il-*BERRIES* U L-FROTT L-IRQIQ, Il-frott tal-qasab (għajr dak selvaġġ),

l-ittra "(ċ)" għandha tiġi mibdula bl-ittra "(ċ)" biswit Il-*Raspberries* u ċ-ċifra "0,05*" biswit "Oħrajn".

Fl-istess kolonna biswit id-dħul li ġej tal-prodott fil-grupp li ġej:

— 2 (I) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TA' L-GĦERUQ U TAT-TUBERI, Il-Pitravi taz-zokkor,

— 2 (VII) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAZ-ZOKK, Il-Qaqoċċ,

L-ittra "(ċ)" għanda tiġi mħassra.

Fl-istess kolonna biswit id-dħul li ġej tal-prodott fil-grupp li ġej:

2 (V) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-WERAQ U L-ERBAĊI AROMATICode en erreur: 8eVI FRISKI, Il-Krexxun;

l-ittra "(ċ)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,05*".

10. **Il-Metamidofu**

Fl-14-il kolonna taħt l-intestatura "Il-Metamidofu" biswit id-dħul li ġej tal-prodotti fil-gruppi li ġejjin:

— 1 (V) IL-*BERRIES* U L-FROTT L-IRQIQ, L-Għeneb tal-mejda u ta' l-inbid u l-Frawli (għajr dak selvaġġ),

— 2 (IV) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL BRASSIKA, Il-Brassika tal-weraq,

l-ittra "(b)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,01*".

11. **Il-Proċimidon**

Fil-15-il kolonna taħt l-intestatura "Il-Proċimidon" biswit id-dħul li ġej tal-prodotti fil-grupp li ġej:

1 (III) IT-TUFFIEĦ, It-tuffieħ ta' belludja,

l-ittra "(a)" għandha tinbidel biċ-ċifra "0,02*".

Fl-istess kolonna, biswit id-dħul li ġej tal-prodott fil-grupp li ġej:

2 (II) IL-ĦXEJJEX TA' L-IKEL TAL-BASLA, Il-Basal aħdar (tar-rebbiegħa),

l-ittra "(a)" għandha titħassar.

12. **Il-livelli massimi tal-fdalijiet speċifikament rigward it-tè (bil-weraq u z-zkuk imnixxfin, iffermentati jew xorta oħra, Il-*Camellia sinensis*)**

Fit-tabella mfassla speċifikament għat-tè biswit il-fdalijiet tal-pestiċidi li ġejjin:

6. Il-Bromopropilat,

15. Il-Fluċitrinat (it-total ta' l-iżomeri),

18. Il-Metidazjon, u

21. Il-Profenofu,

l-ittra "(d)" għandha tiġi mibdula biċ-ċifra "0,1*".